# L-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta


Il-membri taċ-*Circolo Giovanile San Publio*

**Oriġini**

L-idea ta' xi ħaġa simili ta' din l-Assoċjazzjoni ilha ġejja aktar minn għaxar snin ilu. L-akbar ispirazzjoni għal din l-idea kien iċ-*Circolo Giovanile S. Publio* li kien jeżisti żmien ilu fil-Furjana. Aktar tard, madwar is-sena 2007, reġa' kien hemm attentat sabiex din l-għaqda terġa' tiġi fis-seħħ. Intbagħtet ittra lill-Arċisqof Pawlu Cremona u lill-Arċipriet Dun Richard Borg fejn ġew infurmati dwar din ix-xewqa. Kienet saret l-ewwel laqgħa, iżda kollox wera li ma kienx iż-żmien adattat biex din il-ħaġa ssir. Aktar tard, permezz ta' xi żgħażagħ, din l-idea bdiet terġa' titqajjem. Kien proprju ħames snin ilu wara diskussjonijiet bejn Antoine J. Hili, Jordan Muscat, Rosette Hili flimkien ma' korrispondenza mal Arċipriet tal-Furjana, din ix-xewqa setgħet titwettaq. Aktar tard intgħażel l-isem 'Assoċjazzjoni Publju ta' Malta'. Nhar it-28 ta' Jannar 2012 twaqqfet l-Assoċjazzjoni. Dakinhar saru kelmtejn u riċeviment tal-okkażjoni ġewwa ċ-Ċentru tal-*Floriana Senior Citizens*. Hemmhekk ukoll daħlu l-ewwel membri. Minħabba l-involviment tal-fundaturi tagħha fit-tmexxija tal-grupp tal-abbatini, il-grupp sar fergħa mill-Assoċjazzjoni u dan ukoll, sabiex il-membri tiegħu jitrawmu u japprezzaw sa minn età żgħira, il-valur li għandu San Publju għalina l-Maltin.

L-ewwel snin tal-Assoċjazzjoni kellhom ikunu snin ta' prova biex aktar tard jiġi fformulat statut. F'Jannar tal-2016 ġie fformulat l-istatut u saret l-ewwel laqgħa ġenerali annwali. Wara din il-laqgħa kienet saret laqgħa oħra għal dawk interessati li jifformulaw parti mill-kumitat. F'din il-laqgħa intgħażlu l-uffiċjali. Ġie wkoll deċiż li l-Assoċjazzjoni ssir awtonoma biex b'hekk ikun jista' jibda l-proċess biex l-għaqda ssir *Voluntary Organisation*.

Nhar is-17 ta' Frar 2017, l-Assocjazzjoni Publju ta' Malta irċeviet iċ-ċertifikat uffiċjali li jirrikonoxxieha bħala Organizzazzjoni Volontarja/awtonoma. Dan ifisser li l-għaqda, instab li għandha kollox regolari, tant li issa hija rikonoxxuta kemm mill-gvern kif ukoll mill-Unjoni Ewropea bħala entità awtonoma.


Certificate of Enrolment

Assoċjazzjoni Publju ta' Malta

c/o Kappella San Publju Martri,
64, Triq Isqof Mauro Caruana,
Floriana FRN 1412 - Malta

Association

**Għan**

L-għan ewlieni tal-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta huwa sabiex iżżomm ħaj il-kult u d-devozzjoni lejn San Publju, qaddis Malti u Patrun ta' Malta, mhux biss fil-Furjana iżda wkoll madwar Malta u Għawdex. L-Assoċjazzjoni twettaq dan, sew mill-aspett reliġjuż kif ukoll dak kulturali u artistiku. Tul dawn il-ħames snin saru diversi sforzi fosthom laqgħat mal-President ta' Malta u Isqfijiet, pubblikazzjoni ta' materjal relatat, artikli fil-ġurnali u oħrajn. Minn sentejn 'l hawn bdew isiru wkoll żjarat f'parroċċi differenti, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. F'dawn iż-żjarat jingħata tagħrif dwar il-qaddis u jitqassmu santi. L-Assoċjazzjoni tinsisti ħafna dwar ir-relevanza ta' dan il-persunaġġ ċivili u reliġjuż fis-soċjetà moderna. Quddiem sitwazzjonijiet etiċi u morali marbuta mal-ħajja u l-immigrazzjoni, Publju jippreżentalna diversi sfidi li lkoll jimxu mat-tagħlim ta' Kristu, li hu l-qofol.

**Sejħa għad-devoti ta' San Publju – Membri**

Min jixtieq li jsir membru mitlub jimla' formola u jħallas il-menswalità ta' €10 fis-sena. Il-membri jingħataw il-ktejjeb informattiv li joħroġ kull sena, ikunu avżati bi żviluppi u mistiedna għall-attivitajiet li l-Assoċjazzjoni torganizza matul is-sena.

**Ħarist sew lejn il-*logo* ?**

Il-logo jifforma b'mod sempliċi, il-figura ta' San Publju bl-ilbies ta' isqof. F'idejh qed iżomm il-baklu u ħdejn saqajh hemm l-iljun, simbolu tal-martirju tal-qaddis. Interessanti l-fatt li din il-figura hija ffurmata permezz ta' ittri li jiffurmaw il-kliem 'San Publju Martri'. Huwa permezz tal-kliem tagħna li Publju jrid jibqa' magħruf. Fin-nofs tal-mitra, insibu s-salib - 'iċ-ċentru għandu jkun dejjem Kristu' Il-logo ġie ddisinjat mid-disinjatur Komm. Antonio Agius madwar is-sena 1960. Minkejja li jirrifletti l-istil ta' dak il-perjodu, il-logo għadu jaqbel ħafna anke maż-żminijiet tal-lum.

ASSOĊJAZZJONI PUBLJU TA' MALTA